IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 3.12.2008
SEG(2008) 2963

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

anċillari mal-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat

(riformulazzjoni)

Sommarju tal-Valutazzjoni tal-Impatt

{KUMM(2008) 820 finali}
{SEG(2008) 2962}

1. INTRODUZZJONI

L-adozzjoni ta' proposta li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ r-Regolament ta' Dublin)[1] ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2008[2] bħala waħda mill-inizjattivi strateġiċi tagħha.

Bil-ħsieb li tipprepara għat-tieni stadju tal-leġiżlazzjoni tal-ażil, kif mitlub mill-Programm tal-Aja, il-Kummissjoni bdiet il-proċess ta' evalwazzjoni tar-riżultati miksuba fl-ewwel stadju tal-ħolqien tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (minn hawn 'il quddiem imsejħa CEAS).

Fir-rigward tar-Regolament ta' Dublin, il-Kummissjoni l-ewwel ħarġet **Rapport ta' Evalwazzjoni** komprensiv tas-sistema ta' Dublin fis-6 ta' Ġunju 2007[3] bbażat fuq firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet minn diversi partijiet interessati. It-tieni, fis-6 ta' Ġunju 2007 l-Kummissjoni ppreżentat **Green Paper** dwar il-ġejjieni tas-CEAS[4] bl-għan li tiddentifika l-għażliet possibli għall-formazzjoni tat-tieni fażi tas-CEAS. Filwaqt li r-Rapport ta' Evalwazzjoni serva bħala **valutazzjoni teknika** tas-sistema ta' Dublin, il-konsultazzjoni bbażata fuq il-Green Paper serviet bħala **evalwazzjoni tal-politika**.

Fl-aħħar nett, kienu organizzati diversi **laqgħat ta' esperti** bejn Ottubru 2007 u Lulju 2008 ma' Stati Membri, NGOs, u l-UNHCR, avukati u mħallfin u Membri tal-Parlament Ewropew sabiex isiru jafu l-opinjoni tagħhom dwar it-titjib meħtieġ għar-Regolament ta' Dublin.

Il-kwistjonijiet imqajma u s-suġġerimenti li tressqu matul il-proċess ta' konsultazzjoni pprovdew il-bażi għat-tħejjija ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt.

2. IL-QAGĦDA ATTWALI U L-PROBLEMI

Kienu identifikati dawn il-gruppi ta' problemi li ġejjin fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin:

- Dispożizzjonijiet mhux ċari u mhux xierqa tar-Regolament ta' Dublin huma kontroproduttivi għall-effiċjenza tas-sistema u joħolqu tbatija għal dawk li jfittxu ażil;
- Tilwim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' Dublin mhumiex itrattati b'mod effiċjenti;
- Trasferimenti taħt il-proċedura ta' Dublin jistgħu jikkontribwixxu għall-iktar piż żejjed fuq l-Istati Membri kkonfrontati b'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari;
- Trasferimenti taħt il-proċedura ta' Dublin jistgħu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirriżultaw li dawk li jfittxu ażil ma jirċievux standard xieraq ta' protezzjoni;
- Informazzjoni u salvagwardji legali mhux xierqa għal dawk li jfittxu ażil skont il-Proċedura ta' Dublin;

---

1 Nru ta' Referenza CLWP: 2008/JLS/022

2 COM (2007) 640

3 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin, COM (2007) 299 finali, SEC (2007) 742. Is-"sistema ta' Dublin" għandha l-għan li tiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata minn ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri. Din tikkonsisti fir-Regolamenti ta' Dublin u ta' Eurodac u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

4 COM (2007) 301

- Għaqda tal-familja u l-interessi tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħrajn mhumiex żgurati biżżejjed mill-Istati Membri.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt imbagħad tħares lejn il-progress possibbli tas-sitwazzjoni jekk ma ttieħditx l-ebda azzjoni fuq il-livell tal-UE u tikkonkludi li l-problemi eżistenti jibqgħu jippersistu u li hemm argumenti sodi favur l-azzjoni tal-UE.

3. GĦANIJIET POLITIĊI

L-**għanijiet ġenerali** tat-tieni fażi tas-CEAS fir-rigward tal-proposta li temenda r-Regolament ta' Dublin huma i) biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali huma indirizzati b'mod komprensiv taħt il-mekkaniżmu li jiddetermina r-responsabbiltà, u biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema sabiex ikun imnaqqas il-ħin u r-riżorsi użati mill-Istati Membri u ii) biex jikkontribwixxu għal indirizz aħjar tas-sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari dwar il-faċilitajiet ta' akkoljenza u/jew il-kapaċitajiet proċedurali tal-ażil tal-Istati Membri

L-għanijiet ġenerali għandhom ikunu sostnuti b'mod partikolari minn dawn l-**għanijiet speċifiċi** li ġejjin:

I) Li jiżguraw li l-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà qed taħdem sew;

II) Li jiżguraw li t-tilwim bejn l-Istati Membri huma trattati b'mod effiċjenti;

III) Biex jipprevjenu iktar piż żejjed fuq l-Istati Membri li jaffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari u biex jiżguraw li dawk li jfittxu ażil jirċievu standard xieraq ta' protezzjoni;

IV) Biex isaħħu s-salvagwardji legali għal dawk li jfittxu ażil u jippermettulhom li jiddefendu d-drittijiet tagħhom b'mod aħjar;

V) Biex jiżguraw rispett għad-dritt għall-għaqda tal-familja u biex itejbu l-ġestjoni ta' gruppi vulnerabbli sabiex jindirizzaw il-bżonnijiet speċjali tagħhom.

Numru ta' għanijiet operazzjonali indikattivi huma wkoll imfissra.

4. GĦAŻLIET POLITIĊI

Billi qiset n-natura differenti tal-għanijiet speċifiċi msemmija hawn fuq, il-Valutazzjoni tal-Impatt tipproponi għażliet sekondarji politiċi għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet. L-għażla politika preferuta kienet mibnija permezz ta' kombinazzjoni tal-għażliet sekondarji politiċi identifikati għal kull għan speċifiku.

Status Quo (din l-għażla tindirizza l-problemi identifikati kollha)

Il-qafas legali eżistenti ser jibqa' mingħajr bdil u ser ikomplu l-attivitajiet li qed isiru bħalissa fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser tissokta bil-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

4.1. L-għażla politika preferuta

Minħabba l-livell ta' kumplessità tal-għażliet sekondarji politiċi proposti, dan is-sommarju hu limitat għal enumerazzjoni tal-elementi ewlenin li jifformaw l-għażla politika preferuta. L-għażla politika preferuta hi magħmula kemm minn **għażliet leġiżlattivi** kif ukoll minn għażliet ffukati fuq it-**trawwim ta' kooperazzjoni prattika** bejn l-Istati Membri.

Fir-rigward ta':

I) Sabiex jiżguraw operazzjoni mingħajr xkiel tal-proċedura, l-għażliet politiki sekondarji leġiżlattivi preferuti jipprevedu:

- L-introduzzjoni ta' limiti ta' żmien xierqa għat-tressiq tat-talbiet għat-teħid lura u għat-tweġibiet għat-talbiet fuq raġunijiet umanitarji u titnaqqas d-data ta' għeluq għat-tweġibiet għat-talbiet għall-informazzjoni ;
- It-twaqqif ta' regoli fir-rigward tal-Istat Membru li jrid iħallas l-ispejjeż iġġenerati mit-trasferimenti ta' Dublin u l-kjarifika ta' konsegwenzi fil-każ ta' trasferimenti żbaljati u fejn deċiżjoni ta' trasferiment ġiet mibdula f'appell wara li persuna tkun diġà ġiet trasferita;
- Il-kjarifika taċ-ċirkustanzi u l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' diversi klawsoli tar-Regolament (il-waqfien tal-klawsoli tar-responsabbiltà, il-klawsola ta' sovranità u l-klawsoli umanitarji).

L-għażliet ta' kooperazzjoni prattika preferuti li jikkumplimentaw l-għażliet leġiżlattivi preferuti jippropونu:

- L-identifikazzjoni u d-disseminazzjoni permezz ta' laqgħat ta' esperti, tal-aħjar prattiki fir-rigward tat-trasferimenti ta' dawk li jfittxu ażil;
- Il-ħolqien ta' manwal dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Dublin, li għandu tweġibiet għall-mistoqsijiet imqajma mill-esperti tal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti f'każijiet konkreti u liema għandhom jintużaw bħala referenza għall-każijiet simili.

II) sabiex tiżgura li t-tilwim bejn l-Istati Membri huma ttrattati b'mod effettiv, l-għażla sekondarja politika leġiżlattiva preferuta tipprovdi għall-mekkaniżmu ta' konċiljazzjoni għall-kwistjonijiet kollha ta' tilwim dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin;

L-għażla ta' kooperazzjoni prattika preferuta li tikkumplimenta l-għażla leġiżlattiva preferuta tirreferi għall-ħolqien ta' manwal dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Dublin (l-istess bħal punt I).

III) sabiex ikun evitat iktar piż żejjed fuq l-Istati Membri li jaffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari u jkun żgurat li dawk li jfittxu ażil jirċievu standard xieraq ta' protezzjoni fl-Istat Membru responsabbli, l-għażla sekondarja preferuta tipprovdi għall-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni biex ikunu sospiżi trasferimenti lejn l-Istati Membri responsabbli f'ċirkustanzi limitati u definiti sew;

It-twaqqif ta' gruppi ta' esperti dwar l-ażil koordinati fuq livell tal-UE biex jgħinu lill-Istati Membri li jkollhom piż żejjed minħabba n-numru kbir ta' trasferimenti ta' Dublin, hi l-għażla ta' kooperazzjoni prattika preferuta, alternattiva parzjali għall-għażla leġiżlattiva preferuta (għandha tkun applikata meta ma kienx hemm deċiżjoni li r-ritorni jkunu sospożi (skont il-miżura leġiżlattiva) jew fil-każ li tkun ittieħdet tali deċiżjoni, għall-perjodu temporanju sakemm is-sitwazzjoni fl-Istati Membri affetwati hi waħda stabbli).

IV) sabiex jissaħħu s-salvagwardji legali għall-applikanti għall-ażil u biex ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom aħjar, l-għażliet sekondarji politiċi leġiżlattivi preferuti jippropونu:

- L-inserzjoni ta' obbligu għall-Istati Membri biex jipprovdu lil dawk li jfittxu ażil b'informazzjoni estiża dwar il-proċedura ta' Dublin u d-drittijiet tagħhom fi ħdan il-proċedura. Barra minn hekk, l-Istati Membri ser ikollhom l-obbligu li jwettqu intervista speċifika ma' dawk li jfittxu ażil soġġetti għall-proċedura ta' Dublin. Hija wkoll stabbilita l-ħtieġa ta' adozzjoni ta' fuljett standard multilingwi għall-UE kollha dwar il-proċedura ta' Dublin taħt ir-regoli dwar il-komitoloġija applikabbli.

– L-istabbiliment tad-dritt ta' appell kontra deċiżjoni ta' trasferiment, u l-obbligu għall-qrati u tribunali biex jeżaminaw fuq inizjattiva tagħhom il-ħtieġa ta' sospensjoni temporanja tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' trasferiment;

– Id-definizzjoni tar-raġunijiet u tal-kondizzjonijiet limitati għad-detenzjoni ta' dawk li jfittxu ażil taħt il-proċedura ta' Dublin. B'mod partikolari, detenzjoni bħal din għandha tkun bħala l-aħħar miżura, wara li deċiżjoni ta' trasferiment tkun notifikata lil dak li jfittex ażil u meta l-miżuri ta' mingħajr arrest kollha l-oħra mhumiex mistennjia li jiksbu riżultati sodisfaċenti minħabba li hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li hemm riskju li dak li jfittex ażil jaħrab;

– Il-kjarifika li dak li jfittex ażil soġġett għall-proċedura ta' Dublin għandu jkollu f'kull ċirkustanza aċċess għall-proċedura tal-ażil, skont ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil;

– Li jinżamm id-dritt tal-Istati Membri li jibgħatu dak li jfittex ażil għand pajjiż terz, iżda biss wara eżaminazzjoni bir-reqqa tal-kriterji ta' sigurtà tal-pajjiż terz stabbilit fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

V) sabiex ikun żgurat ir-rispett għall-għaqda tal-familja u t-titjib tal-ġestjoni ta' gruppi vulnerabbli, l-għażliet sekondarji politiċi preferuti jipproponu:

– It-tisħiħ tas-salvagwardji fir-rigward tal-minorenni mhux akkompanjati, bħal pereżempju: ser isir obbligatorju d-dritt tal-minorenni mhux akkompanjati biex jerġgħu jingħaqdu ma' qraba li qegħdin fi Stat Membru differenti u li jistgħu jieħdu ħsiebhom ; ser tiddaħħal regola dwar ir-rappreżentazzjoni tal-minorenni mhux akkompanjati matul il-proċedura; ser tkun ċċarata l-applikabbiltà tal-prinċipju tal-"aħjar interessi tat-tfal" fid-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

– L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni ġdida li tobbliga lill-Istati Membri biex jagħtu lil xulxin informazzjoni relevanti (bħal informazzjoni medika) qabel iwettqu t-trasferimenti ta' Dublin, bl-għan ewlieni li jiżguraw kontinwità fil-protezzjoni offruta lil dawk li jfittxu ażil ;

– L-estensjoni tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja billi jkunu inklużi l-applikanti għal u l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja fl-ambitu tar-Regolament u l-kjarifika li l-applikazzjoni tal-klawsola ta' sovranità m'għandhiex tipprevjeni lil dak li jfittex ażil milli jerġa jingħaqad mal-familja tiegħu/tagħha. Id-dritt għar-riunifikazzjoni mal-qraba dipendenti ser isir obbligatorja u d-definizzjoni ta' 'membru tal-familja' ser issir iktar wiesgħa sabiex tkun żgurata konformità aħjar mal-prinċipju tal-"aħjar interessi tat-tfal". Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-klawsola umanitarja ser tkun estiża għall-qraba li mhumiex neċessarjament dipendenti fuq xulxin f'sens umanitarju strett (bħal ma jistgħu jkunu l-aħwa adulti).

L-għażliet ta' kooperazzjoni prattika preferuti li jikkumplimentaw l-għażliet leġiżlattivi preferuti jipproponu:

– Il-ħtieġa għall-Istati Membri biex jipprovdu b'persunal involut fil-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà b'taħriġ xieraq, b'mod partikolari biex ikunu jistgħu jitrattraw b'mod xieraq l-każijiet li jinvolvu gruppi vulnerabbli b'mod partikolari;

– It-twaqqif ta' netwerk ta' esperti ta' Stati Membri li jitrattaw mal-minorenni.

Il-**vantaġġi ewlenin** tal-għażla politika ppreferuta huma:

- **L-effiċjenza u l-koerenza** tal-proċedura li tiddetermina r-responsabbiltà ser ikunu miżjuda permezz ta miżuri leġiżlattivi, bħal pereżempju, it-twaqqif ta' limiti ta' żmien xierqa, il-

kjarifika taċ-ċirkustanzi u tal-proċeduri għall-applikazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet kif ukoll permezz ta' miżuri ta' kooperazzjoni prattika, bħal pereżempju l-ħolqien ta' manwal dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin;

- **Il-livell ta' protezzjoni** pprovdut lil dawk li jfittxu ażil fl-ambitu tas-sistema ta' Dublin ser jiżdied b'mod sustanzjali permezz ta', pereżempju, kjarifika tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni u tisħiħ tas-salvagwardji legali relatati mad-deċiżjonijiet ta' trasferimenti ta' Dublin.
- Il-ħtiġijiet tal-Istati Membri li jaffaċċjaw **sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari** ser ikunu indirizzati b'mod adegwat taħt il-proċedura ta' Dublin u d-drittijiet ta' dawk li jfittxu ażil f'din it-tip ta' sitwazzjoni ser ikunu garantiti b'mod aħjar.

Fir-rigward tal-**impatti ewlenin**:

- L-għażla preferuta għandha impatt globali pożittiv ħafna għal dawk li jfittxu ażil soġġetti għall-proċedura ta' Dublin, mill-aspett tad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari: il-fatt li d-dritt għall-għaqda tal-familja ser ikun rinfurzat b'mod konsiderevoli billi jitkabbar l-iskop tar-riunifikazzjoni tal-familja skont il-proċedura ta' Dublin; li l-aħjar interessi tal-minorenni mhux akkompjanati ser jiġu kkunsidrati b'mod aħjar matul il-proċedura ta' Dublin; li d-dritt għall-libertà u l-moviment ħieles ser ikun rinfurzat permezz tal-limitazzjoni tad-detenzjoni eċċ;
- Billi tkun żgurata operazzjoni tas-sistema iktar mingħajr xkiel, iktar mgħaġġla u iktar protettiva, u billi dawk li jfittxu ażil ikunu infurmati b'mod aħjar dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' Dublin u d-drittijiet tagħhom fi ħdan il-mekkaniżmu, l-inċentiva tal-movimenti sekondarji irregolari ser tkun mnaqqsa, b'impatt pożittiv finali fir-rigward tal-aċċettazzjoni soċjali u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet li jospitawhom;

Fir-rigward tal-**possibbiltà finanzjarja**, spejjeż finanzjarji u amministrattivi ser jiżdiedu b'mod ġenerali, iżda f'xi każijiet jista' jkun hemm tnaqqis fl-ispejjeż jew tfaddil fuq perjodu ta' żmien twil:

- Sabiex jiġu sodisfatti l-limiti ta' żmien ġodda ser jinħtieġu spejjeż addizjonali, iżda xi ekonomiji ta' skala jistgħu jkunu milħuqa fuq perjodu medju minħabba proċedura iktar effiċjenti;
- Xi Stati Membri ser ikollhom jaffaċċjaw spejjeż addizzjonali jekk tittieħed deċiżjoni biex ikunu sospiżi trasferimenti 'l barra lejn l-Istat Membru responsabbli minħabba sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari, peress li huma ser isiru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-persuni mhux trasferiti;
- L-ispejjeż ser jiżdiedu meta l-Istati Membri ser ikollhom jadattaw l-informazzjoni eżistenti tagħhom għar-rekwiżiti ta' din l-għażla politika u biex jistabbilixxu intervista speċifika ta' Dublin. Jista' jseħħ tfaddil jekk l-informazzjoni pprovduta trawwem attitudni iktar kollaborattiva u iktar konformi tal-applikanti skont il-proċedura ta' Dublin;
- Jekk tkun mogħtija, l-effett ta' sospensjoni ta' appell għal deċiżjoni ta' trasferiment jista' jġib spejjeż għall-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikant ser jibqa' temporanjament. Mandakollu, tfaddil jista' jseħħ ukoll, minħabba l-fatt li l-ispejjeż ta' ritorni possibbli wara deċiżjonijiet irrevokati ser ikunu evitati.
- It-tnaqqis ta' każijiet fejn l-applikanti ta' Dublin jistgħu jinżammu għandu fil-prinċipju jwassal għal tfaddil, peress li l-pressjoni fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-Istati Membri u l-ispejjeż konsiderevoli li timplika d-detenzjoni ser jitnaqqsu.

- L-ispejjeż ser jiżdiedu biex jitrattaw ma' minorenni mhux akkompanjati (jiġifieri sabiex tkun żgurata r-rappreżentazzjoni tagħhom matul il-proċedura ta' Dublin) u biex jagħtu informazzjoni lil xulxin dwar il-persuni trasferiti vulnerabbli. L-ispejjeż jistgħu jiżdiedu minħabba miżuri ta' kooperazzjoni prattika, bħal perezempju taħriġ tal-persunal u twaqqif ta' netwerk ta' esperti. Madankollu, parti kbira minnhom tista' tkun wkoll kofinanzjata minn proġetti taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

5. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta ser ikunu element importanti biex tiġi żgurata l-effettività tar-Regolament ta' Dublin rivedut. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tivvaluta u tirraporta regolarment dwar l-applikazzjoni tar-Regolament rivedut mill-Istati Membri. Laqgħat ta' esperti regolari ser ikomplu jseħħu bil-ħsieb ta' diskussjoni dwar il-problemi ta' implimentazzjoni u skambji tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Istatistika tal-Komunità fir-rigward tal-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali[5] li jinkludi referenzi speċifiċi għal dejta tal-istatistika relatata ma' Dublin, ser jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' monitoraġġ u proċess ta' evalwazzjoni xierqa.

Barra minn hekk, kif kien imħabbar fil-Pjan Politiku, minbarra valutazzjoni magħmula f'intervalli regolari, il-Kummissjoni hi impenjata biex terġa' tivvaluta l-prinċipju li fuqu hi bbażata s-sistema ta' Dublin, ladarba jitwettaq it-tieni stadju tas-CEAS.

Dawn l-indikaturi ewlenin jistgħu jintużaw għall-evalwazzjoni tal-progress u tal-effettività tal-għażla politika preferuta fil-kisba tal-għanijiet politiċi:

- L-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-emendi proposti għar-Regolament ta' Dublin;
- Ir-riżorsi allokati għall-implimentazzjoni tal-emendi proposti għar-Regolament ta' Dublin;
- In-numru ta' trasferimenti effettwati ta' dawk li jfittxu ażil b'paragun man-numru ta' talbiet għal trasferimenti aċċettati;
- Numru ta' tilwim solvuti taħt il-mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim;
- In-numru ta' każijiet fejn huma applikati l-klawsoli ta' sovranità u l-klawsoli umanitarji;
- Ir-riżorsi użati għall-informazzjoni u l-provediment ta' assistenza legali lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali taħt il-proċedura ta' Dublin;
- In-numru ta' applikanti soġġetti għall-proċedura ta' Dublin;
- It-trasferimenti sospiżi f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari;
- (Id-distribuzzjoni ta') applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali relattivi mad-daqs tal-popolazzjoni (kull 1000 abitant) għal kull Stat Membru;
- In-numru ta' gruppi ta' esperti tal-ażil imwaqqfa u mibgħuta lill-Istati Membri taħt pressjoni partikolari.

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007, ĠU L 199 tal-31.7.2007.